**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Luana Vella

vs

Cettina Said - Marcon Group

CCT 17/18/MS

26 ta' Settembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-6 ta' Frar 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €135.00, kwantu ghal €105.00 prezz ta' *bedspread* u kwantu ghal €30.00 parti minn prezz ta' zewg tapiti li gew mibdula/partiti mir-rikorrenti.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata pprezentata fit-22 ta' Frar 2018 fejn qalet li t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt; illi prruvaw jaslu fi ftehim mar-rikorrenti imma din tal-ahhar kienet aggressive wisq maghhom u ghalhekk ma kienx hemm lok ghal aktar diskussjonijiet.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda ta' Luana Vella u Anton Vella bil-gurament.

Ra illi minkejja li r-rapprezentanta tal-azjenda intimata nghatat opportunita' sabiex tixhed dina baqghet inadempjenti u ghalhekk it-Tribunal ma kellux ghazla hlief li jghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fil-5 ta' Dicembru 2017 r-rikorrenti xtrat zewg tapiti u *bedspread* ghall-prezz ta' €225.15 mill-azjenda intimata. L-ghada tax-xirja r-rikorrenti ndunat li t-tapiti kienu difettuzi u l-*bedspread* kienet akbar milli riedet. L-oggetti nghataw lura u r-rikorrenti rceviet *credit note*. Wara ftit zmien l-azjenda intimata gabet konsenja gdida ta' twapet u r-rikorrenti ghazlet tnejn u kien fadallha bilanc ta' €135.00 - kwantu ghal €105.00 tal-*bedspread* originali u €30.00 - differenza fil-prezz ta' tapiti peress illi kienu irhas. Ir-rikorrenti ppruvat issarraf dan il-*credit note* fi hwejjeg tal-istess azjenda, pero' ma thallietx taghmel dan. Fit-28 ta' Settembru 2017, fit-terminu tal-validita' tal-*credit note* regghet marret ghand l-azjenda intimata biex tixtri tapit iehor. Jidher illi hawnhekk inqala' disgwid bejn ir-rikorrenti u certa Cettina illi kienet qed tiehu hsieb il-hanut, tant illi r-rikorrenti giet ordnata titlaq mil-hanut anki taht theddida tar-rapport lil pulizija.

Peress illi r-rikorrenti kienet imkeccija mill-hwienet kollha tal-azjenda intimata, r-rikorrenti baghtet ir-ragel taghha sabiex isarraf il-*credit note*, pero' ma rnexxielux jikkonkludi n-negozju.

Illi fir-risposta taghha l-azjenda intimata taghti versjoni kompletament differenti minn dik tar-rikorrenti, fejn filwaqt illi ikkonfermat ix-xiri tal-*bedspread* u tapiti kif ukoll il-hrug tal-*credit note*, ghal dak illi huwa attegjament, l-azjenda intimata tghid illi kienet ir-rikorrenti li kienet aggressiva u anke bdiet titfaghlom mal-art tapiti u hwejjeg ohra li kellhom il-hanut; anke thedded li ser tkisser il-hanut. Sfortunatment ghall-azjenda intimata, Cettina Said qatt ma telghet biex tixhed jew almenu tikkonferma bil-gurament ir-risposta taghha. Dana nonostante illi s-seduta tat-30 ta' April 2018 kienet rizervata ghax-xhieda tal-istess Cettina Said. Din tal-ahhar kienet fid-dover illi tikkonferma r-risposta taghha stante li kkontestat formalment it-talba tar-rikorrenti. Ma setghetx tipprezenta biss risposta u ma taghmel xejn aktar wara, peress illi t-Tribunal jista' jikkunsidra biss xhieda moghtija bil-gurament. Ghalhekk dan in-nuqqas tal-azjenda intimata huwa ta' pregudizzju kbir ghal kaz taghha peress illi r-risposta ma tistax tigi kkunsidrata.

Ghalhekk jibqa' biss ix-xhieda tar-rikorrenti u tar-ragel taghha, illi jibqghu mhux kontestati u huma veritjera anke mehuda wahedhom. Dina hija l-unika xhieda li dan it-Tribunal jista' jikkunsidra. Din ix-xhieda hija probabbilment verosimili u t-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiddubita mill-veracita' taghha.

Ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba u jikundanna lill-azjenda intimata li thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €135.00. Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru